# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 15**

**Rikors numru 714/2011 SM wara l-ittra ġudizzjarja tal-4 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi**

***v.***

**Adrian Borg f'ismu proprju u in rappreżentanza ta' *Borvin Aluminium Limited* (C-38377)**

1. Dan huwa appell ta' Adrian Borg u *Borvin Aluminium Limited* ["l-Appellanti"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Diċembru 2012 li ċaħdet kontestazzjoni tal-Appellanti kontra avviż maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi ["il-Kummissarju"] taħt l-art. 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ["Kap. 406"] u notifikat lill-Appellanti b'ittra ġudizzjarja tal-4 ta' Lulju 2011. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'avviż tas-16 ta' Mejju 2011 magħmul għall-għanijiet tal-art. 59 tal-Kap. 406 il-Kummissarju iddikjara illi *Borvin Aluminium Limited* kellha tagħti bħala taxxa fuq il-valur miżjud bilanċ ta' mitejn u erbgħin elf, tliet mija u ħamsa u erbgħin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€240,345.57). Bis-saħħa tal-art. 59 dan l-avviż huwa titolu eżekuttiv.

3. B'ittra ġudizzjarja tal-4 ta' Lulju 2011 il-Kummissarju innotifika lil *Borvin Aluminium Limited*, u lil Adrian Borg bħala persuna respons-abbli *in solidum* taħt l-art. 66 tal-Kap. 406, b'kopja tal-avviż sabiex it-ititolu eżekuttiv isir eżegwibbli kif igħid l-art. 59(2) u sejħilhom sabiex iħallsu mitejn u tmintax-il elf, mija u sitta u tletin euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€218,136.64).

4. B'rikors tas-26 ta' Lulju 2011 l-Appellanti talbu illi l-qorti tiddikjara t-talba tal-Kummissaju "bħala infondata".

5. Waqt li kienu mexjin il-proċeduri quddiem l-ewwel qorti l-Kummissarju b'ittra tal-24 t'Awissu 2012 għarraf lill-Appellanti illi l-bilanċ li kellhom iħallsu sa dakinhar kien ta' mija u ħamsa u erbgħin elf, disa' mija u sbatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€145,917.35), maqsuma hekk: sebgħa u disgħin elf, mitejn u sitta u erbgħin euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€97,246.98) taxxa, u tmienja u erbgħin elf, sitt mija u sebgħin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€48,670.37) imgħaxijiet u penali. Għarrafhom ukoll bi skema ta' tnaqqis tal-imgħaxijiet u penali jekk isiru ħlasijiet saż-żmien imsemmi fl-ittra iżda ma jidhirx illi l-Appellanti nqdew b'dan l-iskema.

6. Għalkemm minn din l-ittra tal-24 t'Awissu 2012 jidher illi l-bilanċ b'kollox kien ta' mija u ħamsa u erbgħin elf, disa' mija u sbatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€145,917.35), u mhux mitejn u erbgħin elf, tliet mija u ħamsa u erbgħin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€240,345.57) daqskemm jidher fuq l-avviż tas-16 ta' Mejju 2011 jew mitejn u tmintax-il elf, mija u sitta u tletin euro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€218,136.64) daqskemm jidher fuq l-ittra ġudizzjarja tal-4 ta' Lulju 2011, l-ewwel qorti bis-sentenza li minnha sar dan l-appell ċaħdet it-talba tal-Appellanti magħmula bir-rikors tas-26 ta' Lulju 2011 u iddikjarat illi "l-ammont mitlub oriġinarjament [mill-Kummissarju] fl-ittra ifficjali tiegħu … … … għadu lilu dovut".

7. L-Appellanti appellaw b'rikors tal-14 ta' Diċembru 2011 u fissru l-aggravju hekk:

> »Illi huwa ben ċar u evidenti li l-ammont mitlub mil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huwa żbaljat u inkorrett u dan jirriżulta minn diversi dokumenti … … …;
>
> »Illi l-appellant umilment jissottometti li l-ammont li huwa dovut lill-Kummissarju fuq il-Valur Mizjud jista' jkun wieħed minn żewġ ammonti, *ossia* l-ammont ta €145,917.35 li jkun qiegħed jinkludi l-ammont ta' taxxa pura dovuta ta' €97,246.98 kif ukoll l-ammont ta' mgħax u multi amministrativi ta' €48,870.37, jew l-ammont ta' taxxa pura dovuta ta' €97,246.98;
>
> »Illi r-raġuni għaliex l-appellant għandu jħallas wieħed minn dawn iż-żewġ ammonti hawn fuq indikati tinsab fil-fatt li l-appellant jista' jħallas l-ammont sħiħ ta' €145,917.35 billi jħallas ratealment u konsegwente-ment ikun qiegħed iħallas it-taxxa pura dovuta ta' €97,246.98 kif ukoll l-ammont ta' mgħax u multi amministrativi, jew jipprevalixxi ruħu minn skema maħruġa u jħallas f'darba waħda l-ammont ta' taxxa pura ta' €97,246.98. Jingħad ukoll għal skopijiet ta' korrettezza ma' din l-onorabbli qorti li jista' jkun il-każ li ż-żmien mogħti lill-appellant sabiex iħallas l-ammont ta' taxxa pura ta' €97,246.98 jista' jkun skada – iżda xorta waħda jispiċċa li jkollu jhallas l-ammont intier ta' taxxa pura flimkien ma' mgħax u multi ta' ta' €145,917.35 u mhux €218,136.64.«

8. Il-Kummissarju wieġeb fit-28 ta' Diċembru 2012 u qal li l-appell għandu jiġi miċħud. Madankollu, b'nota tat-12 ta' Ġunju 2017 il-Kummissarju stqarr illi tassew illi fl-24 t'Awissu 2012 – qabel ma ngħatat is-sentenza tal-ewwel qorti – il-bilanċ dovut kien ta' mija u ħamsa u erbgħin elf, disa' mija u sbatax-il euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€145,917.35), li llum kompla naqas għal mija u tnejn u erbgħin elf, tliet mija u erbgħa u ħamsin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€142,354.81) għax saru xi ħlasijiet.

9. L-appell huwa għalhekk ġustifikat.

10. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tħassar is-sentenza appellata u tipprovdi dwar it-talba tal-Appellanti billi tiddikjara illi t-titolu eżekuttiv li kiseb il-Kummissarju taħt l-art. 59 tal-Kap. 406 jiswa biss għal mija u tnejn u erbgħin elf, tliet mija u erbgħa u ħamsin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€142,354.81), barra l-imgħaxijiet li għaddew mid-data meta sar l-aħħar ħlas sa meta jsir il-ħlas finali.

11. Billi n-nota ta' tnaqqis kellha ssir mill-Kummissarju qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, l-ispejjeż tal-ewwel grad għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet u l-ispejjeż tal-appell għandu jħallashom kollha l-Kummissarju.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df